MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Numru 4/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mariano Grixti**

Il-Qorti,

Rat l-eccezzjonijiet tal-akkuzatipprezentati fil-21 ta' Marzu, 2011.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat difensur u tal-Avukat Generali.

Ikkunsidrat :

F'din l-eccezzjoni l-akkuzat qed jilmenta li r-rakkont tal-fatti ma jwasslux ghal tentattiv ta' omicidju imma ghal ferita gravi jew hafifa b'arma tan-nar, dana il-ghaliex meta tigi puntat arma tan-nar fid-direzzjoni generali ta' persuna mhux necessarjament isegwi li l-persuna tkun trid tinqatel.

Ikkunsidrat :

Bir-rispett, il-Qorti jidhrilha li din l-eccezzjoni hi ghal kollox frivola u vessatorja. Il-parti narrattiva taz-zewg kapi tal-akkuzi turi bic-car li l-Avukat Generali jrid jaddebita lill-akkuzat b'attentat ta' omicidju meta dan ta' l-ahhar spara hames tiri ta' arma tan-nar fid-direzzjoni tal-parti leza. Naturalment il-parti narrattiva mhix prova izda qeghda hemm biex turi r-ragunijiet l-ghala l-akkuzat gie tenut iwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontrih. Il-parti narrattiva trid tigi pruvata u minn dawn il-provi jistghu jirrizultaw diversi possibilitajiet fosthom in-nuqqas ta' htija jew addirittura htija skond il-kapi, jew htija ta' reati komprizi u involuti inkluza l-ferita gravi. Kollox pero` jiddependi mill-provi li ghad iridu jinstemghu fil-kors tal-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li d-dettami tal-art. 589 tal-kodici kriminali gew osservati u ma hemm xejn null fl-att tal-akkuza.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza meta lilha jmiss it-turn.

Sadanitant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li hu llum ghal dak li jirrigwarda l-liberta' provvizorja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------